MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 219/2007

**Wayne Portanier (ID4486M) u Katia Mizzi (ID131181M)**

**vs**

**Gerald Camilleri (ID426780M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mitt Lira Maltin (LM500.00) rapprezentanti somma imhallsa lilu mill-atturi sabiex isir konvenju fuq fond u cioe' maisonette f'Triq Villabare, Zabbar, liema konvenju ma setghax isir minhabba ragunijiet attrbwibbli lill-konvenut u li ghalhekk is-somma mhallsa minnhom ghandha tigi rifuza lilhom.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-datat tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr Claudine Zarb fit-23 ta' April, 2007.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------